# Amadeo Preziosi

## *200 sena mit-twelid ta' artist Belti li bilkemm jissemma fl-istorja tal-arti lokali*

**Fabian Mangion**

*B.A., S.Th. Lic.*

L-istorja tal-Arti Maltija fiha ħafna sorpriżi. Waħda minn dawn hija l-figura tal-artist Malti li kiseb fama f'Istanbul, fi żmien meta din il-belt kienet il-qalba ta' imperu kbir, l-Imperu Ottoman. Dan il-bniedem hu aktar magħruf fi Franza u l-Ingilterra milli fit-Turkija u f'pajjiżu, Malta.

Amadeo Preziosi huwa meqjus bħala wieħed mill-pitturi l-aktar ċelebri fl-akkwarella tas-seklu dsatax. Ismu, għalkemm bilkemm jissemma fl-istorja tal-arti lokali, kien mifrux b'mod wiesa' fil-Lvant fejn kien hemm konċentrazzjoni ta' bosta artisti mogħnija bit-talent li kienu ġew mill-Ewropa. Victor Champier (1851-1929), kritiku tal-arti kontemtemporanju, jiddikjara li, minn fost l-artisti tal-Bosforu, Preziosi kien "l-unika wieħed li ta ħajja lis-sigrieti tal-kulur fl-orizzont ta' Istanbul."[1]



Il-Konti Amadeo Preziosi (1816 – 1882)

Din l-iskoperta ta' Champier ma ħaditx lid-dinja b'ħasda. F'Pariġi, Preziosi kien diġà tfaħħar bħala "pittur Taljan kbir" ta' dixxendenza Franċiża, filwaqt li fil-Bosforu stess, it-Torok kienu jqisuh bħala tagħhom. Il-bijografu, Gulserem Ramazangolu, sostna li matul il-ħajja tiegħu, Preziosi "sinċerament aġixxa bħala Tork u rnexxielu jkun wieħed minnhom." Adolphe Thalasso, kritiku ieħor tal-arti, kien tal-istess opinjoni. Fil-fatt, fil-ktieb tiegħu *L'Art Ottoman: Le Paintres de Turque*, ippubblikat f'Pariġi fl-1912 huwa inkludieh fil-lista ta' pitturi Torok.[2]

**Iben il-Belt Valletta**

Madankollu, Amadeo Preziosi kien Malti. Huwa twieled fit-2 ta' Diċembru 1816 mill-Konti Giovanni Francesco Preziosi[3] u Margerita mwielda Renò[4]. Huwa kien ġie mgħammed fl-istess jum fil-Knisja Parrokkjali ta' Sidtna Marija Porto Salvo fil-Belt Valletta minn Dun Ġwann Battista Grech, Kappillan tal-Parroċċa tan-Naxxar.[5] Fil-fonti, dan l-ewwel wild,[6] ġie mogħti l-ismijiet ta' Aloysius, Rosarius, Amadeus, Raymondus u Andreas iżda missieru pprefera li jsejjaħlu Amadeo, probabbilment b'rispett lejn ir-Re Vittorio Amadeo II ta' Sardinja u Duka ta' Savoia.[7] Il-parrini fil-Magħmudija kienu l-Konti Luigi Preziosi u Modesta Renò.[8]



Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Amadeo Preziosi mill-Arkivju Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Porto Salvo u San Duminku tal-Belt Valletta

Ftit li xejn huwa magħruf dwar il-ħajja bikrija ta' Amadeo. Skont xi rakkonti tal-familja kemm hu, kif ukoll ħuh Leandro, kienu mogħnija b'talenti straordinarji. Fil-fatt, Leandro kien dotat fix-xjenza b'mod partikolari fil-fotografija li, f'dik il-ħabta, kienet xi ħaġa ġdida fl-Ewropa kollha. Amadeo kien aktar inklinati lejn l-arti tradizzjonali. Hu ħabb l-istudju tal-lingwi u l-letteratura iżda kellu wkoll interess fit-tpinġija u d-disinn. Hu qatta' sigħat twal jipprattika fir-ritratt statiku u fil-perspettiva. Giuseppe Hyzler, l-għalliem tiegħu li kien pittur ferm apprezzat f'Malta, bosta drabi kienet jibqa' impressjonat bil-preċiżjoni tad-dettalji tiegħu u bil-ħeffa li biha huwa kien jiddisinja u jpinġi l-uċuħ. [9]

Minkejja dan, il-pittura kienet l-aħħar ħaġa li l-Konti Giovanni Francesco kien irrakkomanda lil ibnu għall-karriera. Amadeo kien werriet ta' titolu li rekwiżiti għalih kienu ogħla minn kull tip ta' parteċipazzjoni fix-xogħol li jagħmluh ħaddiema baxxi. Barra minn hekk, kienet għadha kkonsidrata bħala l-prerogattiva tal-missier nobbli li jiddeċiedi hu l-futur tal-ewwel iben tiegħu u effettivament hu ma kienx lest li jippermetti lill-iben bit-titlu jikser tradizzjoni twila tal-familja bħala amministraturi tal-istat.

Kien, għalhekk, biss naturali għall-Konti Giovanni Francesco li jinsisti fuq ibnu Amadeo li jagħżel karriera ta' stima.[10] Għal dan il-għan, Amadeo ntbagħat l-Università ta' Malta minn fejn iggradwa fil-ġurisprudenza u wara offra li jimla post importanti fis-sistema amministrattiva ġdida introdotta minn Sir Thomas Maitland.

Il-missier xtaq li jibgħat lil ibnu Amadeo jistudja l-Liġi f'Sorbonne. Madankollu, Amadeo, ma kellux l-istess opinjoni ta' missieru. Huwa qies lilu nnifsu matur biżżejjed u tant ieħor għani biex jiddeċiedi għalih innifsu l-għamla ta' ħajja li ried jgħix. L-akkwarelli tiegħu, bħal dawk ta' Schranz u Bellanti, li kienu kontemporanji tiegħu, tawh aktar sodisfazzjon minn elf diskors elokwenti fil-ħanut tax-xorb. Aktar minn kollox, hu kien iħobb jgħix ħajja bla nkwiet ta' xejn u bħall-antenati tiegħu, li kienu korsari, l-ġibda għall-ivvjaġġar u għall-avventura kienet fih bħal tqanqila naturali.

**Franza**

L-ewwel vjaġġ ta' Amadeo barra mill-pajjiż ħadu lejn Pariġi. Għalkemm mhuwiex magħruf meta dan il-vjaġġ seħħ, hu probabbli li huwa kien akkumpanjat minn ħuh Leandro, magħruf ukoll bħala Alessandro.

F'Pariġi, l-aħwa Preziosi marru għal triqthom. Leandro sfoga fil-fotografija taħt il-gwida taċ-ċelebri Lemaitre. Aktar tard, huwa ġie lura Malta fejn fetaħ l-ewwel studju fotografiku.[11] Amadeo ssieħeb fl-École des Beaux-Arts*[12]* u fil-pront ġie mxierek fl-interess muri fil-ħajja kontemporanja l-aktar permezz tal-artisti Honoré Daumier[13] u Gustave Caurbet (1819 – 1877).[14] Għal sentejn sħaħ f'din l-Akkademja, huwa pperfezzjona l-ħiliet tiegħu fid-disinn tal-figura umana u b'hekk akkwista biżżejjed finezza fit-teknika tal-pittura.

Dan il-perjodu qasir f'Pariġi saħħaħ fi Preziosi l-filosofija tal-arti. Amadeo kien min-natura tiegħu artist tal-iskola romantika, influwenzat ħafna mill-arti konvenzjonali ta' Giuseppe Hyzler, l-għalliem bikri tiegħu. Huwa kien, madankollu, miftuħ għal ideat ġodda ta' artisti Pariġini żgħażagħ, li għalkemm rivoluzzjonarji fit-tendenzi ġodda tagħhom ta' romantiċiżmu, qasmu miegħu l-ħsieb neoklassiku tal-arti. Huma kkonvinċewh li r-reqqa u l-eżattezza jiffurmaw il-bażi ta' kull teknika fit-tpinġija. B'hekk huma qarrbuh lejn twemmin artistiku antik li l-bniedem u l-aspetti kollha tal-ħajja kienu s-sors ta' ispirazzjonijiet artistiċi.

Meta temm l-istudji tiegħu fl-*École des Beaux-Arts*, Amadeo reġa' lura Malta. Fil-gżira sab taqlib politiku mhux żgħir: il-qgħad kien kiber, politiċi Maltin kienu ansjużi, u d-drittijiet tal-Maltin kienu qed jiġu abbużati u misħuqa mill-amministraturi Brittaniċi ġodda. Għaldaqstant, huwa ma sabx f'Malta l-ambjent mixtieq mill-artist u, biex tgħaxxaq, kellu wkoll jitħabat mal-antagoniżmu li missieru kien għad kellu lejn l-arti, li ma wera l-ebda sinjal ta' ndiema.[15]

Konsegwentement, Amadeo, ma kien fadallu l-ebda għażla oħra ħlief dik li jfittex xi mkien ieħor, ambjent 'l bogħod mill-influwenza ta' missieru u li, fl-istess waqt, jkun aktar jaqbel ma'

dak li jħobb hu u għall-gosti tiegħu. Hu għażel li jħalli l-gżira u jimxi lejn il-Lvant, qasam li kien imfaħħar mill-artisti kollegi tiegħu f'Pariġi. Is-sena tat-telaq tiegħu minn Malta għal Istanbul mhix magħruf, iżda huwa maħsub li kienet bejn l-1840 u l-1842.[16]

**It-Turkija**

It-tpinġijiet l-aktar bikrija tiegħu ta' Istanbul, juru d-data ta' Novembru 1842.[17] Sentejn wara, fl-1844, Preziosi kien ġie kkummissjonat minn Robert Curzon, is-segretarju privat tal-Ambaxxatur Brittaniku f'Istanbul, Lord Stratford Canning, l-Ewwel Viskonti Stratford de Redcliffe, biex jifformula album bl-isem *Costumes of Constantinople.*[18] Wara, u għall-għaxar snin li segwew, il-kittieba tal-bijografija tiegħu jaħsbu li hu seta' għex ħajja nomada, jiġifieri jivvjaġġa bejn Pariġi u pajjiżi differenti tal-Lvant.[19] Fl-1854 jidher li hu stabbilixxa ruħu f'Kostantinopli u waqaf permanement f'dik il-belt.

Għażla tax-xogħlijiet bikrija tiegħu ġiet ippubblikata fl-1858 mil-litografu Franċiż Lemencier f'album li jġib l-isem *Stamboul Souvenirs d'Orient.* Dan kien jikkonsisti fi tmienja u għoxrin litografija li kienu bħal kampjun rappreżentattiv tal-komunità multikulturali ta' Kostantinopli. Fost dawn, *The Boatmen*, *The Loaf Vendors*, *The Porter*, *The Public Letter Writer*, *The Cup of Coffee*, *Water Carrier*, u *Sweetmeat Shop*, tant kienu straordinarji li frekwentement kienu jiġu riprodotti f'kartolini u kalendarji madwar it-Turkija kollha.[20]

Preziosi żżewweġ lil Iphygenie Merchant, mara Griega minn Istanbul, u kellhom erbat itfal: Mathilde, Giulia, Caterina u Roberto.

Preziosi kien proficjenti fil-lingwi tar-reġjun, jiġifieri l-Grieg u t-Tork, kif ukoll il-lingwi prinċipali Ewropej bħall-Ingliż, il-Franċiż u t-Taljan. Huwa ħadem bħala deputat draguman tal-Ambaxxata Ingliża kif ukoll bħala l-ewwel draguman tal-legazzjoni Griega.

**L-Eġittu**

Fl-1862, flimkien mal-ħabib tiegħu Du Bo, l-Ambaxxatur Olandiż, Amadeo żar l-Eġittu. Il-vjaġġ kien wieħed memorabbli għaliex kemm hu kif ukoll Du Bo, li kien ekoloġista, ħadu nota ta' siti fuq ix-xmara Nil li llum huma estinti. Kieku ma kienx għall-illustrazzjonijiet ta' Preziosi, l-għarfien għal ċerti gruppi etniċi, li llum spiċċaw, setgħu baqgħu mhux magħrufa għaċ-ċiviltà. Il-*Camel Caravans* u *Camel Drivers* flimkien ma' *The Hashish Dealers at the Murustan Market* u *The Dervish Selling Arms* huma eżempji eċċellenti tal-bravura u l-ħila ta' Preziosi u sieħbu li impenjaw ruħhom u kienu lesti li jħabbtu wiċċhom ma' perikli u moħqrija f'dawk ir-reġjuni mbiegħda u mhux magħrufa tal-Lvant Nofsani.[21]

F'dik l-istess sena 1862, ġie ppubblikat t-tieni album tiegħu taħt l-isem ta' *Souvenir de Caire* li fih jidhru l-aqwa avventuri tiegħu f'Kostantinopli u fil-Kajr.[22]

**Lura fit-Turkija**

Din l-avventura fl-Eġittu kellha rwol deċiżiv fuq il-karattru umanitarju ta' Preziosi. Hekk kif reġa' lura lejn it-Turkija, huwa fittex li jgħix f'post fejn seta' jkun qrib lejn dawk anqas ixxurtjati minnu. Għalhekk, hu mar lejn Yesilkoy, subborg 'l bogħod, u li ma kienx wisq maqtugħ mill-kuntatti Ewropej. Hemm hu stabbilixxa r-residenza ġdida tiegħu fi Triq Hamalbaşi Sabagi, fir-reġjun tal-Pera,[23] fejn kien hemm il-Konsulat Brittaniku. Huwa waqqaf ukoll l-bottega permanenti tiegħu li fiha ddedika ħafna mill-ħin ipitter il-kobor tal-Torok u l-manjifiċenza tal-passat tagħhom.

Din il-bottega kienet spiss iffrekwentata minn turisti li jkunu jixtiequ jirritornaw lejn djarhom b'tifkira ta' Istanbul. Fost il-mistednin tiegħu, f'April 1869, kien hemm Albert Edward, Prinċep ta' Wales,[24] u l-għarusa tiegħu l-Prinċipessa Alexandra Christina. Huma żaru l-bottega tal-artist u xtraw diversi akkwarelli mingħandu.[25]

**Lura Malta**

Bejn l-1863 u l-1869 Amadeo żar Malta mill-inqas darbtejn. Ittra indirizzata lil ħuh Leandro, tirreferi għall-"jiem ta' kuntentizza" li għadda fil-gżira. F'dik l-okkażjoni huwa ppreżenta lil ħuh stampa minjatura ta' martu li magħha jidher li ma kellux relazzjonijiet eċċellenti.

F'dawn il-vjaġġi lejn art twelidu, Amadeo ġeneralment kien jagħmel waqfiet f'Ateni u f'Pariġi fejn jingħad li kellu kuntatti ma' litografi interessati fil-pubblikazzjoni ta' pitturi tiegħu. Għandu jiġi nnutat li Preziosi kien ħerqan ħafna fuq it-tip ta' teknika użata fir-riproduzzjonijiet tat-tpinġijiet tiegħu. Fl-1858, meta kien ippubblikat l-ewwel album tiegħu mal-famuż litografu Pariġini Lemecier fejn hu stess kien issorvelja x-xogħol biex jassigura li l-litografiji jagħtu kreditu lill-reputazzjoni tajba li kien bena.

**Ir-Rumanija**

F'Ġunju tal-1868, Preziosi interrompa waħda minn dawn il-vjaġġi ta' negozju lejn Pariġi biex ikun jista' jmur Bucharest. Bucharest kienet ġenna orjentali oħra u ma setax jirreżisti l-istedina li kienet saritlu mill-awtoritajiet għolja ta' dik il-belt. Ir-Rumanija dejjem affaxxinatu u sabiex jirreġistra ħafna minn dak li hu ra, kuljum ħadem iebes biex jipproduċa minn ħames sa sitt abbozzi fi tliet jew erba' sigħat imdawla bix-xemx.

Bħal dejjem, is-suġġett favorit tiegħu kienu n-nies. Dawk sempliċi u oppressi dejjem ħadu prominenza fil-pitturi kollha tiegħu u sew jekk kienu bejjiegħa tal-monti, nisa tat-triq jew sewwieqa tal-iġmla, kienu dejjem ippreżentati b'bixra ferrieħa li kienet tant karatteristika fir-razez maħqura tal-Lvant.[26]

*The Bucharest Fishmarket* hija waħda mill-aħjar pitturi fuq ir-Rumanija. Hija tirrappreżenta l-istorja ta' poplu fejn it-trobbija u t-tbatija mhumiex riflessi fit-tikmix tal-uċuħ tal-irġiel iżda fil-vivaċità ta' disinji kumplessi fuq il-kriepet tan-nisa. Żewġ pitturi ugwalment importanti huma *Filaret*, li ġġib id-data tal-1 ta' Lulju 1868, u *Obor*, bid-data tal-31 ta' Lulju 1868. Tal-ewwel turi l-veduta mimlija ġmiel ta' Filaret, subburg ta' Bucharest, li Preziosi abbozza minn altitudni. L-oħra turi l-fiera tradizzjonali tal-bhejjem f'Bucharest, u li għaliha jattendu bosta bdiewa minn madwar il-pajjiż kollu. Fuq din it-tema partikolari tal-folklor, Preziosi pinġa mill-inqas żewġ pitturi oħra. It-tnejn li huma kienu ġew esegwiti waqt iż-żjara tiegħu f'Buzau. Waħda hija msejħa *Dragaica*. Din hija purament kompożizzjoni kkulurita li turi l-eċitament tal-bdiewa waqt il-fiera. L-oħra hija *Returning from the Buzau Fair* li, skont xi kritiċi tal-arti, Preziosi hawn seta' kien influwenzat minn pittura simili bl-isem *Return From the Fair at Flagey* impinġija mill-Franċiż Courbet, li Preziosi nnifsu kien jammira ħafna.[27]



The Bucharest Fishmarket. Xogħol tal-1868

Preziosi għamel it-tieni żjara tiegħu f'Bucharest fis-sajf tal-1869. Fis-29 ta' Ġunju hu pitter id-*Dimbovita at Radu-Vada* li turi x-xmara ġġelben tul id-Distrett ta' Tabacu. Fiha aspett pjuttost baxx tal-ħajja tal-belt. L-element uman huwa, bħas-soltu, evidenti ħafna: bdiewa għajjiena jagħmlu l-ħasil, dawk li jġorru l-ilma ħerqana jimlew il-bramel tagħhom u l-kurjużi li ma jħobbu jagħlu xejn, dejjem lesti biex iferrxu l-aħbarijiet u jpaċpċu. Iżda l-pittura hija nieqsa mill-qawwa tad-dawl tas-soltu u l-atmosfera ta' ferħ tant karatteristika ta' Preziosi.

Pittura partikolari, imħollija mhux mitmuma, normalment tiġbed l-attenzjoni ta' bosta ammiraturi. Hija imsejħa *Vidin* u ddatata 9 ta' Ġunju 1869. Fiha, l-orizzont tħalla bil-lapes u l-ftit djar u xi mewġiet li kienu intiżi biex jiffurmaw iċ-ċentru tal-attrazzjoni tagħha kienu maħżuża mingħajr finezza. Il-pittura tista' ma tfisser xejn għall-kollettur, imma għall-kritiku tal-arti tipprovdi minjiera tad-deheb ta' informazzjoni dwar it-teknika ta' Preziosi.

Ġeneralment huwa għamel użu mill-akkwarella, imma ż-żejt ma kien ta' ebda diffikultà. Hu seta' jagħmel użu minnu bil-faċilità ta' mgħallem tar-Rinaxximent Taljan. *Sunset on the Nile*, li kienet esebita fir-*Royal Academy* ta' Londra, hija eżempju mill-aqwa tal-pitturi tiegħu biż-żejt. L-istess ħaġa jista' jingħad għan-*Naval Battles Scenes* li tinsab fit-*Topkaki Museum* ta' Kostantinopli.

# Xogħlijiet ta' Amadeo Preziosi
## *1816 - 1882*



The Grand Bazaar f'Istanbul. Impinġija minn Preziosi fit-tieni nofs tas-seklu 19



Istanbul Café. Xogħol fl-akkwarella li sar minn Preziosi qrib is-sena 1850



Pittura tal-1857 turi Albaniżi, merċenarji fl-armata Ottomana



The Silk Bazaar hija biċċa xogħol oħra li Preziosi għamel bl-akkwarella lejn l-aħħar tas-seklu 19



L-ewwel ħanut tal-ħelu Haci Bekir f'Bahçekapı, Istanbul



Amadeo Preziosi fil-bottega tiegħu mpittra mill-artist innifsu



The Spice Sellers impittra minn Preziosi fis-sena 1882

Preziosi għadda l-aħħar għaxar snin ta' ħajtu jaħdem fl-istudju tiegħi fi Triq Hammalbaşi. Beyoglu pprovdielu kollox: simpatija, ħbiberija, divertiment, u l-paċi li hu ma kien jibdel ma' xejn aktar fid-dinja.

**Jindarab u jmut**

Fis-27 ta' Settembru, 1882 waqt li kien għall-kaċċa fil-kampanja ta' Yeşilköy, hu mmaniġġa ħażin l-ixkubetta tiegħu waqt li kien qed jgħaddiha lil sieħbu, u l-grillu, aċċidentalment, spara. Skont dak li ġie ppubblikat l-għada f'*Levant Herald*, ġurnal ta' Istanbul, "Peziosi ġie midrub b'riżultat tal-isparatura."[28] Il-pittur intilef minn sensih u miet fil-jum ta' wara.

L-aħbar tal-mewt traġika tiegħu waslet f'Malta inqas minn ġimgħa wara. F'obitwarju li deher fil-ġurnal *Il Risorgimento* tat-3 ta' Ottubru, 1882 l-artist popolari Malti Giuseppe Calì kiteb: "Il-gżira ta' Malta saret taf b'niket liema bħalu li l-Kavallier Amadeo Preziosi kien midrub għall-mewt f'Istanbul fis-27 ta' Settembru 1882 u miet bla ma reġa' ġie lura f'sensieh. L-artist famuż temm din il-ħajja u ħalla warajh tlett ibniet (Mathilde, Giulia u Catherine) u lil ibnu (Roberto). Aħna naqsmu n-niket tal-familja mġarrba u l-ħbieb tiegħu."

Wara l-mewt mhux mistennija tiegħu, it-tielet album, bl-isem *Encyclopédie des Art Decoratifs de L'Orient - Stamboul Moeurs et Costume,* u li ġabar fih għażla mill-aktar wiesgħa ta' xogħlijiet tiegħu ġie ppubblikat immedjatament. Iż-żjara tiegħu fir-Rumanija ġiet irreġistrata fir-raba' album li juri kemm kien tassew miġbud lejn il-Lvant u l-popli tiegħu.

Il-popli wkoll ippruvaw jirreċiprokaw din l-imħabba. Huma attendew il-funeral tiegħu bl-eluf u ħafna minn kull qasam tal-ħajja, inkluż rappreżentant tas-Sultan u membri distinti tal-missjonijiet diplomatiċi varji f'Istanbul,[29] segwew fis-skiet il-korteo funebri tiegħu hekk kif għadda mit-triq dejqa ta' Beyoglu lejn iċ-Ċimiterju Kattoliku ta' San Stefano f'Yeşilköy fejn ġie midfun.[30]

Skrizzjoni sempliċi minquxa fuq il-ġebla taqra: *A La Memoire du Comte Amedee Preziosi, ne a Malte le 30 Novembre 1816, decede a San Stefano le 27 Septembre 1882 – ses enfants eplores – priez pour lui*. Qabar umli huwa dak li baqa' jfakkar fil-kobor ta' dan l-artist Malti li, minkejja l-qagħda politika konfuża li kien hemm dakinhar fil-Lvant, "huwa qatt - kif stqarr Ondes Osman fil-ktieb tiegħu *Istanbul: Assigi Ressam Preziosi* – ma bill il-pinzell tiegħu fil-kuluri tad-demm u tal-vjolenza."[31]



Il-qabar fejn ġie midfun Amadeo Preziosi fiċ-Ċiminterju Kattoliku San Stefano f'Yeşilköy

**Imfakkar wara mewtu**

Il-fama tal-Konti Preziosi u x-xogħlijiet tiegħu kienu minsija għal għexieren ta' snin wara mewtu. Iżda fis-snin 1858, 1863 u 1867, għadd ġmielu ta' pitturi tiegħu ġew esibiti f'Pariġi u f'Londra.[32] F'Bucharest, ix-xogħlijiet tiegħu ġew ippreżentati mill-ġdid lill-pubbliku fl-1934, u fl-1985, xi wħud mix-xogħlijiet tiegħu kienu murija f'wirja ddedikata lilu mtellgħa fil-Victoria u Albert Museum ta' Londra.[33] Fl-2003, wirja oħra ta' xogħlijiet tiegħu f'Bucharest kienet organizzata mill-Mużew ta' Bucharest.

L-arti ta' Amadeo Preziosi tinsab sew f'Malta kif ukoll barra minn xtutna. Filwaqt li għad mhux żgħir ta' xogħlijiet tiegħu jinsabu fil-kollezzjonijiet privati, xi pittura ta' dan l-artist tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti fil-Belt Valletta. Fil-fatt, f'dan l-istess mużew, f'April tal-1996 ġiet imtellgħa wirja tal-pitturi tiegħu u b'hekk, il-pubbliku Malti kellu l-opportunità li jara diversi akkwarelli u pitturi li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni Nazzjonali u minn kollezzjonijiet privati li normalment, minħabba l-fraġilità tagħhom, ma jkunux esebiti b'mod permanenti.

Amadeo Preziosi ġie mfakkar fil-Konvenzjoni tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta u mtellgħa

mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fl-2010 permezz ta' wirja inawgurata mill-Onorevoli Dr Tonio Borg, li allura kien Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin.[34] Nhar il-25 ta' Lulju 2012, il-Konsulat Ġenerali ta' Malta ġewwa Istanbul, it-Turkija organizza ċerimonja ta' tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-pittur Orientalista Malti, il-Konti Amadeo Preziosi. Il-Konslu Ġenerali ta' Malta f'Istanbul, Reuben Gauci għamel diskors fuq il-qabar ta' Amadeo Preziosi fejn fost l-oħrajn qal li *"l-imħabba li kellu l-Konti Preziosi għal Istanbul, il-Belt addottiva tiegħu, hija sinjal ċar tal-konnesjoni bejn Malta u t-Turkija. Hekk kif Malta u t-Turkija qegħdin isaħħu r-relazzjoni bilaterali ta' bejniethom, u hekk kif Malta tixtieq tiġbed lejha turisti u negozjanti Torok, wieħed ma jistax ma jiftakarx li l-ebda Malti ma kellu f'moħħu viżjoni daqshekk ċara tat-Turkija aktar mill-Konti Preziosi li ħalla warajh numru kbir ta' pitturi ta' dan il-pajjiż sabiħ."*[35]

Il-Konslu Ġenerali rrimarka li bħala Malti tipiku, il-Konti Preziosi wera interess fit-turiżmu tant li kien ibiegħ tpinġijiet ta' Istanbul u l-madwar lil turisti Ewropej li kienu jżuru lil din il-Belt.[36]

Neħħi lil Kostantinopli mill-bijografija ta' Amadeo Preziosi u l-ħajja tiegħu u x-xogħol tiegħu immedjatament isiru inkonċepibbli. Il-belt kapital l-antika tal-Imperu Ottoman hija hekk intimament marbuta mal-akkwarelli u l-litografiji ta' Preziosi li wieħed jista' fis jikkonkludi li din il-belt kienet direttament responsabbli biex tagħmlu l-artist li aħna faċilment nirrikonoxxu llum. Ironikament, dan kollu kien magħmul possibbli mill-kunflitt ta' opinjonijiet bejn Giovanni Francesco, ir-Raba' Konti Preziosi (il-missier) u Amadeo, il-Ħames Konti Preziosi (l-iben). Preziosi jibqa' kapitlu prezzjuż ta' talent Malti esportat.

**Referenzi:**

1 Jista' jingħad li Malta, ma kienet bl-ebda mod ħielsa mill-faxxinu għall-Orjent li aħna jassoċjaw, aktar minn kulħadd, ma' Amadeo Preziosi. Fil-fatt, kien hemm artisti oħrajn ibbażati f'Malta li kienu miġbuda lejn il-Lvant tal-Mediterran qabel Preziosi. Fost dawn insemmu lil Antoine de Favrey li waqaf f'Kostantinopli bejn l-1761 u l-1770. Qabel Preziosi, insibu wkoll kemm lil Giuseppe, Antonio, Marguerite u Francesco, aħwa Schranz kif ukoll lil Federico, Francesco u Luigi, it-tlieta membri tal-familja Brockdorff. (Cutajar, D., "Amadeo Preziosi: Exceptional Artist of the Orient," fi *Treasures of Malta*, 2, Easter 1996, p. 9 u Mizzi Paul, "Amadeo Preziosi," f'*Heritage*, nru. 42, p. 827)

2 Ibid. Mizzi.

3 Giovanni Francesco kellu rwol għoli fl-amministrazzjoni lokali u kien irrappreżenta lill-poplu Malti fin-negozjati tat-Trattat ta' Amiens li kien ġie ffirmat fil-belt ta' Amiens, fi Franza, fil-25 ta' Marzu 1802.

4 Margerita Renò kienet ta' oriġini Franċiża. Iż-żwieġ tagħha ma' Giovanni Francesco seħħ fl-1813.

5 Grach kien is-sbatax-il Kappillan tan-Naxxar u mexxa lil din il-parroċċa mill-1808 sal-1834.

6 Wara Amadeo, kien hemm żewġ ulied oħra: Leandro u Giuseppe.

7 Fil-fatt, huwa kien imnissel minn familja li kienet emigrat minn Korsika lejn Malta fis-seklu 17. Fil-bidu tas-seklu tmintax, il-familja ta' Preziosi kienet waħda mill-aktar għonja. It-titlu ta' Konti Preziosi kien twaqqaf mir-Re Vittorio Amadeo II ta' Sqallija u Duka ta' Savoia li fid-19 ta' Ottubru 1718, f'Rivoli, bil-motto *Pretiosum quod utile*, li jfisser 'Prezzjuż daqsjkemm siewi'. Giuseppe Preziosi, l-Ewwel Konti, imlaqqam *"Il Tripolino"* imwieled f'Korsika, kien Kaptan ta' bastiment privat mgħammar bin-nies u bl-armi meħtieġa, biex jiġi wżat bil-permess tal-Gvern kontra xi għadu, l-aktar għall-qbid ta' dgħajjes merkantili u merkanzija. Hu ġġieled favur id-Duka ta' Venezja fil-gwerra ta' Morea u ġie ppremjat b'pensjoni xierqa u maħtur kavallier fl-Ordni ta' San Mark ta' Venezja fl-1700. Giuseppe huwa figura ċentrali f'din il-familja u jista' jitqies bħala l-fundatur tal-fergħa Maltija tagħha. Nisimgħu għall-ewwel darba dwaru f'Malta fis-Sajf tal-1702, meta daħal fl-Port il-Kbir bi tliet bastimenti kbar Torok. Huwa kien akkumpanjat minn ħuh Giovanni Andrea Preziosi, u l-ħabib tiegħu Antonio Fournier. Meta fl-1718, forza Spanjola mblukkat Sqallija, l-Ammirall ta' Sqallija l-Markiż Rivarolo talab għall-għajnuna meħtieġa mingħand il-Gran Mastru Perellos. Il-Gran Mastru bagħat lil Preziosi u dan ipprovda kulma kien meħtieġ biex il-flotta ta' Sqallija tkun tista' tkisser l-imblokk Spanjol. Eventwalment, bejn is-snin 1722 u 1729 huwa kien ġie appuntat *Secreto* tal-Ordni mill-Gran Mastru de Vilhena. Dan kien pożizzjoni mill-aktar prestiġjuża li n-nobbli Malti kien jaspira li jilħaq għaliex, taħt il-Kavallieri ta' San Ġwann, postijiet ħafna amministrattivi kienu riżervati għall-membri tal-Ordni. Għal raġunijiet ta' saħħa, hu kellu jħalli dan il-post fl-1729. (Ara Attard Montalto, J., "Il Tripolino – a legendary corsair," f'*The Sunday Times*, 28th March 2004, p. 46-47 u Cuschieri, L., *Il-Konti Professur Sir Luigi Preziosi*, Reġistru Pubbliku, il-Belt, Malta, 1992, p. 7) Ibnu, Giovanni Francesco, it-Tieni Konti, okkupa l-istess kariga għal 32 sena bejn 1741 u 1773. Jista' jingħad li Giovanni kellu mħabba kbira lejn il-kotba. Wara mewtu, il-kollezzjoni li kellu, li kienet tikkonsisti f'251 ktieb u 575 volum ta' manuskritti, giet katalogata b'reqqa kbira. (Ara Caruana Dingli, N., "Count Giovanni Francesco Preciosi: a Maltese nobleman and his French books," fi *Treasures of Malta*, 37, Christmas 2006,

p. 33- 39) It-Tielet Konti kien Luigi, iben Giovanni Francesco. Il-familja kienet irvinata finanzjarjament lejn nofs l-istess seklu. Fl-1757, ir-Raba' Konti Giovanni Francesco Preziosi (missier Amadeo) kien obbligat li jiddisponi mill-fided kollha tiegħu għaliex kellu dejn li kien jammonta għal eluf ta' skudi. Għalkemm il-Konti kien impjegat ma' Pinto, kien dan l-istess Gran Mastru li ġiegħel lil Preziosi jbiegħ ħafna minn dak li kien jippossjedi u ordna l-irkant tal-oġġetti prezzjużi tal-Konti biex b'hekk jħallas lura xi ftit mill-djun kbar, b'mod partikolari lil oħt il-Konti. Huwa probabbli li Preziosi kien nefaq ammonti kbar fil-kostruzzjoni tal-villa meraviljuza tiegħu f'Ħal Lija. (Għal aktar tagħrif żur is-sit: http://user.orbit.net.mt/fournier/preziosi2.htm u http://www.maltagenealogy.com/libro%20d'oro/preziosi.html)

8 *Liber Baptizatorum* Parroċċa Porto Salvo u San Duminku, Valletta, Vol. 27 (1811-1817), p. 433. Il-parrini kienu n-nannu patern u n-nanna materna.

9 Ġużeppi Hyzler, imwieled il-Belt Valletta fl-4 ta' Ottubru 1787, studja l-arti f'Ruma taħt Andrea Pozzi u ġie attirat ferm minn grupp ta' artisti Ġermaniżi magħrufa bħala Nazzareni. Huwa ngħaqad mal-grupp u stabbilixxa ħbiberija ma' Friedrich Overbeck, li kien il-mexxej tagħhom. Fl-1822, huwa ġie lura Malta u fetaħ bottega u skola tal-arti u ġie kkummissjonat bosta xogħlijiet fi knejjes, l-aktar kwadri titular. Hu kien imexxi l-Moviment tan-Nazzareni f'Malta. Hyzler miet fl-20 ta' Jannar 1858. (Strickland, L., "Amadeo Preziosi and things oriental," f'*The Times*, 22 ta' April 1996, p. 23)

10 Hu kważi ċert li, fiċ-ċirkustanzi, il-missier kellu wkoll il-ħsieb li ibnu Amadeo jaqbad karriera politika.

11 Biż-żmien, Leandro sar l-ewwel fotografu-artist professjonali f'Malta. Cutajar, D., "Amadeo Preziosi: Exceptional Artist of the Orient," fi *Treasures of Malta*, 2, Easter 1996, p. 10)

12 Din hija waħda mill-aktar skejjel influwenti tal-arti fi Franza. Għandha storja ta' kważi 370 sena u tara l-oriġini tagħha fis-sena 1648 meta l-*Académie dea Beaux-Arts* twaqqfet mill-Kardinal Mazarin biex jifforma fil-puttura, fl-iskultura u fl-arkitettura lil dawk l-istudenti li l-aktar kellhom talent.

13 Imwieled fis-26 ta' Frar 1808 kien karikaturist, pittur u skultur Franċiż. Huwa l-awtur ta' iktar minn 500 pittura, 4000 litografija, 1000 inċiżjoni fuq l-injam, 1000 tpinġija u 100 skultura. Ix-xogħlijiet tiegħu huma bħal kummentarju fuq il-ħajja soċjali u politika ta' Franza fis-seklu 19. Hu miet fl-10 ta' Frar 1879.

14 Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23.

15 Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23.

16 Fid-dokumentazzjoni ċerta tal-vjaġġi tiegħu minn u lejn Malta hemm: it-18 ta' Ġunju 1841 meta Preziosi telaq minn Malta lejn il-Lvant permezz tal-isteamer Franċiż *Tancrede*, fl-10 ta' Lulju huwa ġie lura mil-Lvant permezz tal-isteamer *Lesostris* u it-28 ta' Settembru 1842 meta huwa reġa' telaq lejn il-Lvant permezz tal-isteamer *Eurotas*. Jidher, għalhekk, li Amadeo għamel vjaġġ esploratorju ta' tlettax-il xahar fil-Lvant, ġie lura Malta għal xahrejn, preżumibbilment biex jagħmel xi arranġamenti familjari, u f'Settembru 1842, huwa telaq definittivament minn Malta lejn Kostantinopli. (Cutajar, D., "Amadeo Preziosi: Exceptional Artist of the Orient," fi *Treasures of Malta*, 2, Easter 1996, p. 11) Dan kien żmien meta artisti Ewropej kienu sejrin bi ħġarhom lejn il-Lvant, filwaqt li Istanbul kienet magħrufa bħala "Is-Sultana tal-ibliet" u, taħt din l-influwenza, Preziosi ġabar iż-żebgħa u l-pniezel u telaq minn Malta fi vjaġġ li l-ewwel ħadu lejn l-Italja u mbagħad wasal Istanbul. Billi hu kien mill-Mediterran, seta' jifhem aktar mill-qrib il-ħajja ta' dan il-pajjiż mimli kuntrasti. L-arti tiegħu kellha ħaġa li kienet tgħinu ħafna. Din kienet l-abbiltà fid-disinn. (Camilleri, J.C., "Min hu Amadeo Preziosi?" f'*In-Nazzjon*, 22 ta' Lulju 1996, p. 16)

17 Din tikkonsisti minn akkwarella fil-kollezzjoni *Searight*.

18 Is-suġġett li kien ġie mitlub biex ipinġi kien jikkonsisti fil-karattri indiġeni ta' Kostantinopli. Dan l-album illum jinsab fil-kollezzjonijiet tal-British Museum. Il-fatt li huwa kien minn Malta, li kienet taħt il-ħakma tal-Imperu Britanniku, kien ifisser li Amadeo Preziosi kellu passaport Ingliż. Huwa għalhekk stabbilixxa ħbiberiji mill-qrib mhux biss mas-soċjetà tal-Lvant ta' Péra, iżda wkoll ma' familji tal-Lvant li kienu ta' dixxendenza Brittanika. Huwa kien artist imfittex b'mod speċjali mill-missjoni diplomatika Ingliż. Bosta pitturi li ħarġu minn idejn Preziosi, li kien rispettat ħafna mir-Re u mir-Reġina tal-Ingilterra, jiffurmaw parti mill-kollezzjani tal-Palazz Ingliż. (Micallef, M. "Preziosi returns to Malta," f'*The Sunday Times of Malta*, 19 ta' Mejju 1996, p. 44)

19 Fl-1850, matul il-Gwerra tal-Krimea, il-*Western Press* talbet lil Preziosi biex ipinġi l-vapuri tal-gwerra, l-armata Ingliża, u xeni varji mhux tas-soltu fuq il-Bosforu. Preziosi kien pitter ħafna xogħlijiet matul dan il-perjodu.

20 F'era meta l-kartolini postali, flimkien mal-arti fotografika, kienu għadhom fil-bidu tagħhom, Preziosi offra lit-turisti Ewropej u viżitaturi ta' Istanbul, tpinġijiet tal-belt u tal-inħawi.

21 Ibid. Mizzi, p. 829.

22 Dan l-album kien ukoll ġie ppubblikat minn Lemercier. (Strickland, L., "Amadeo Preziosi and things oriental," f'*The Times*, 22 ta' April 1996, p. 23)

23 F'dik il-ħabta, dan ir-reġjun kien abitat mill-Franki u mill-Griegi. Illum huwa r-reġjun Beyoglu fin-naħa ta' fuq ta' Istanbul. (Strickland, L., "Amadeo Preziosi and things oriental," f'*The Times*, 22 ta' April 1996, p. 23)

24 Ir-Re Dwardu VII kien l-iben il-kbir tar-Re Ġorġ V u r-Reġina Marija. Huwa sar Priċnep ta' Wales meta għalaq sittax-il sena, disa' xhur wara li missieru sar Re. Dwardu kien Re tar-Renju Unit bejn l-20 ta' Jannar 1936 sa ma abdika fil-11 ta' Diċembru tal-istess sena.

25 Il-fama tiegħu xterdet lejn l-Ingilterra tant li fl-1858 waħda mill-pubblikazzjonijiet Ingliżi *Illustraded London News* sejħet lil Amadeo Preziosi bħala *"the well known of oriental subjects."* (Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23) Il-kittieb Ingliż Murrey, fil-

ktieb tiegħu *Hand-book for Travellers in Turkey* (1871), irrakkomanda lit-turisti biex jaraw id-disinji tiegħu li kienu mimlijin lwien. (Camilleri, J.C., "Min hu Amadeo Preziosi?" f'*In-Nazzjon*, 22 ta' Lulju 1996, p. 16)

26 F'Bucharest huwa pinġa diversi xeni li xi wħud minnhom kienu juru lill-Prinċep Karlu I. L-abbozzi mpinġija kienu aktar tard jinbidlu f'akkwarelli fil-bottega tiegħu ta' Istanbul, u kienu jinxtraw mill-Prinċep tar-Rumanija għall-prezz li jvarja minn 300 sa 1200 Franki. Bejn it-30 ta' Mejju u l-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara, Preziosi qatta' perjodu ta' żmien ieħor fir-Rumanija. It-tpinġijiet tiegħu bil-lapes, bil-linka u akkwarelli nġabru fil-kollezzjoni *La Valachie par Preziosi*, u llum jinsabu fil-Mużew Muniċipali f'Bucharest.

27 Ibid. Mizzi, p. 833.

28 *"Messieur Preziosi, watercolor painter and famous artist of our city, was in the countryside around Yeşilköy the day before yesterday with his servant for the purpose of hunting. After spending some time there, he decided to return home and handed his rifle to his servant. But the rifle slipped from his hand and fell to the ground setting off the trigger, and Messieur Preziosi was wounded in the spray of shrapnel that followed the explosion. The shrapnel settled in the artist's ribs. He is severely injured and his condition is grave."*

29 Preziosi, fl-għabex tal-karriera tiegħu, kien sar il-pittur uffiċjali tas-Sultan Abdul Hamid II li kien jirrenja fit-Turkija bejn l-1876 u l-1909. (Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23 u Micallef, M. "Preziosi returns to Malta," f'*The Sunday Times of Malta*, 19 ta' Mejju 1996, p. 44)

30 Dan iċ-ċimiterju jinsab qrib l-Airport Ataturk u jagħmel parti mill-Kunvent tal- Kappucini f'Yeşilköy. F'xi kitbiet dwar Amadeo Preziosi, ingħad li dan il-midfen Kattoliku, illum, ma għadux jeżisti għaliex kien ġie mneħħi biex jagħmel wisa' għal bini ta' *runway* ġdida fil-mitjar ta' Istanbul. (Strickland, L., "Amadeo Preziosi and things oriental," f'*The Times*, 22 ta' April 1996, p. 23; Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23; Cutajar, D., "Amadeo Preziosi: Exceptional Artist of the Orient," f'*Treasures of Malta*, Easter 1996, Vol. II, No. 2, p. 13)

31 Fil-*memoirs* tiegħu, huwa jfakkar li kellu l-intenzjoni li jdum biss sentejn, imma tant ħassu assorbit mill-atmosfera li ssaħħar ta' Istanbul, li hija ħakmitu bħal kalamita, u hu bilkemm intebaħ bill-mogħdija tas-snin. Bi ktieb tal-iskeċċi taħt abtu huwa dar mat-toroq tagħha, assorbit fi mħabba dejjem tikber għall-belt u għall-poplu tagħha. Istanbul irreċiprokat l-affezzjoni ta' Preziosi, u kien milqugħ kullimkien, fil-ħwienet iż-żgħar, fi djar tal-kafè u f'postijiet ta' qima. Fuq it-tila tiegħu huwa mmortaliza d-dehriet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum: bejjiegħ tat-triq, mara timla' l-ġarra tagħha bl-ilma mill-funtana tat-triq, u l-bqija. Naraw ukoll l-ilmijiet koħol tal-Bosforu. Il-pitturi tiegħu, mibjugħa kemm fost il-klijenti lokali kif ukoll fost il-barranin, ġew mdendla fuq il-ħitan ta' djar kbar u ta' palazzi.

32 Żur is-sit: http://levantineheritage.com/note142.htm

33 Il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet ta' Preziosi, li jikkonsistu prinċipalment minn akkwarelli u litografiji, tinsab f'mużewijiet barranin, bħal Victoria u Albert Museum ta' Londra (b'madwar 1500 biċċa), il-Mużew Topkai Sarey f'Istanbul, u l-Muzeal de Arta f'Bucharest. Dan kollu apparti minn biċċiet oħrajn li jinsabu f'kollezzjonijiet privati, speċjalment fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti. (Fiorentino, E., "Providentially precious Preziosi," f'*The Sunday Times*, 28 ta' April 1996, p. 23). Il-katalgu ta' din l-esibizzjoni li saret f'dan il-mużew prestiġjuż tal-Londra, jġib l-isem *The People and Places of Constantinople – Watercolours by Amadeo Count Preziosi (1816-1882)*. C. M. Kauffman li kien il-persuna responsabbli mit-taqsima tad-disinji u pittura ta' dan il-mużew, kiteb hekk dwar dan l-artist kbir Malti: *"Preziosi's name is now little known except to specialists, but in the period 1840-70 he was by far the most renowned artist in Constantinople. He was only retrieved from the critical neglect into which he had fallen in the $20^{th}$ century by Rodney Searight who began to appreciate his importance while building up his unsurpassed collection of views of the Near and Middle East."* (Camilleri, J.C., "Min hu Amadeo Preziosi?" f'*In-Nazzjon*, 22 ta' Lulju 1996, p. 16)

34 Din l-esebizzjoni kienet saret fil-Pardo Hall, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, il-Belt Valletta. (*The Malta Independent*, 13 ta' Marzu 2010)

35 Ministry of Foreign Affairs, Press Release, 26 ta' Ġunju 2012.

36 Jista' jkun li llum Amadeo Preziosi huwa partikolarment magħruf għall-pittura li ġġib l-isem ta' Haci Bekir. Din il-pittura turi lil Ali Muhiddin Haci Bekir, d-dulċier magħruf Tork, fid-dolċerija tiegħu. Din il-pittura ta' Preziosi magħmula mill-akkwarella u li tinsab fil-Louvre Museum, hija stampata fuq il-kaxxi tal-lakumja tad-ditta Haci Bekir, liema lakumja tinbiegħ mat-Turkija kollha.



Madonna tal-Karmnu,
Kun int l-hena tagħna.
Fid-dar ta' kull Malti
Kun l-Omm u s-Sultana.